MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 643/2004

**J V M Enterprises Limited (C 11645)**

**vs**

**Southern Concrete Limited (C 17213)**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, disa' mija u tmienja u tletin lira Maltin (Lm1,938) jew somma verjuri li tigi stabbilita minn din il-Qorti, rapprezentanti bilanc minn somma akbar, prezz ta' merkanzija u materjal ta' kostruzzjoni, lilha mibjugha u kkonsenjati, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez, inkluzi ta' l-ittra ufficjali datata 21 ta' Lulju, 2004 u bl-imghax legali, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-10 ta' Jannar, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------